# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 1286/2018 MH**

**Illum, 5 ta' Lulju, 2019**

**BNF Bank plc gja' Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs**

**Joseph Mary u Anna (konjugi) Portelli, (K.I. numri 536861M u 371660M ripettivament)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat**[1] tal-kumpannija attrici li gie prezentat fil-21 ta' Dicembru 2018 li permezz tieghu esponew:

*Xxxxxxxxxxxxxx*

[1] Folio 1

**Ikkunsidrat:**

Rat li l-konvenuti ġew debitament notifikati bir-rikors ġuramentat permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni.

Rat li nonostante cioe' dawn baqgħu kontumaċji u m' għaċlu qatt li jidhru u jikkontestaw il-proċedura mressqa ai termini ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12.

Rat id-dokumenti kollha preżentati mar-rikors ġuramentat in sostenn ta' l-istess talbiet fir-rigward tal-faċilitajiet mogħtija mill-bank attur lil konvenuti.

Semgħet ukoll ix-xhieda ta' Alfred Ferrante in rappresentanża tal-bank attur li kkonferma li l-ammont mitlub l-ammont indikat fir-rikors ġuramentat ukoll l-imgħaxxijiet li kienu ġew inkorsi.

Rat ukoll li fil-mori tad-differiment l-atti kienu ġew "misplaced", ġew rikostruwiti pero' reġgħu nstabu biex b' hekk il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi kif ben hu tenut fil-ġurisprudenza nostrana il-kontumaċja mhux xi forma ta' ammissjoni da parti tal-konvenuti retiċenti fir-risposta. Xorta jinkombi fuq l-attur illi jipprova sal-grad li trid il-Ligi t-talbiet minnu avvanzati.

Illi mill-eżami tad-dokumenti prodotti u x-xhieda tar-rappreżentant tal-Bank, il-Qorti m' għandha ebda dubbju li t-talba vantata timmerita li tiġi akkolta.

**Konsegwentement taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet kollha attrici.**

**Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**